MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 299/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta’ Settembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Familja (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet “B vs Dr. Leslie

Cuschieri u PL Hilda Ellul Mercer li b’digriet ta’ l-24 ta’ Lulju, 2002 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex

jirrapreżentaw lill-A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer "(Ċitazzjoni Numru 863/2003RCP), dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deċiż, u filwaqt li ċaħdet it-tielet u s-seba' talba attriċi, laqgħet it-talbiet l-oħra kollha biss fis-sens illi: (1) iddikjarat u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta assenti konsistenti f'sevizzi, moħqrija, u eċċessi, li jinkludu wkoll abbandun tal-familja b'effett minn Awwissu 2002 u kawża ta' l-istess iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment; (2) laqgħet it-tieni talba u awtorizzat lill-attur jgħix separat mill-konvenuta assenti; (3) ċaħdet it-tielet talba stante li ma huwiex il-każ li jiġi likwidat manteniment favur l-attur għar-raġunijiet fuq indikati f'din is-sentenza; (4) iddikjarat li l-konvenuta nomine iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob li tipperċepixxi manteniment mingħand l-attur u dan anke b'applikazzjoni ta' l-Artiklu 48 tal-Kap 16, b'dan li għall-fini ta' l-Artiklu 48 (1)(c) qed tiġi stabbilita d-data ta' Awwissu, 2002 bħala d-data meta l-konvenuta assenti tat lok għall-firda; (5) applikat kontra l-konvenuta assenti l-effetti *in toto* ta' l-Artiklu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta inkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li tiret mill-attur; (6) laqgħet din it-talba u ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'mod segwenti b'dan illi: -- (a) assenjat lill-attur il-fond, Toyota Reg. No., id-dgħajsa *speedboat* "Easy Rider", u d-depositu bankarju f'isem l-attur fil-Common Wealth Bank, Australia numru 06316510268104 (għaliex qed jiġi ddikjarat li dan infetaħ fl-4 ta' Jannar, 2002), nofs id-depositi bankarji fil-kont f'isem iż-żewġ partijiet mal-Common Wealth Bank, Australia, numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, kont numru 14611777019, l-għamara u għoddod ġod-dar; (b) assenjat lill-konvenuta assenti l-fond l-Awstralja bl-oġġetti kollha ta' ġo fih inkluż

kull dritt ta' ħlas ta' kera minn terzi fuq l-istess, liema dritt ta' kera mid-data ta' din is-sentenza jibqa' jappartjeni biss lill-konvenuta assenti. Qed jiġi assenjat ukoll lill-konvenuta

assenti nofs id-depositi bankarji fil-kont f'isem iż-żewġ partijiet tal-Common Wealth Bank, Awstralja, numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, kont numru 1461177019. Illi ġie ddikjarat li mill-provi prodotti garaxx ġewwa Raba' Nemel, Malta u karozza Triumph, senter u l-ammont ta' tliet elef Lira Maltija (Lm3,000) huma parafernali għall-attur u jinsabu ġia' fil-pussess tiegħu. Illi l-attur għandu fl-aħħar nett jibqa' jirċievi d-*disability pension* li huwa ntitolat għalihom kemm Malta u kemm ta' l-Awstralja, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull kirja dovuta fuq il-proprjeta' fl-Awstralja fuq deskritta tappartjeni esklussivament li l-konvenuta assenti u għandha tiġi perċepita biss minnha bħala proprjetarja assoluta ta' l-istess immobbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza; (7) ċaħdet din it-talba *stante* li ma ġiex ippruvat li l-konvenuta għandha fil-pussess tagħha xi assi appartenenti lill-attur; (8) awtorizzat lill-attur sabiex jgħix u jabita fid-dar matrimonjali, bil-garaxx miegħu, ad esklużjoni tal-konvenuta, dan li qed jiġi konfermat li b'effett ta' din is-sentenza l-istess konvenuta m'għandha l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond. L-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta assenti b'dan li l-kuraturi deputati għandhom jitħallsu skond il-liġi (Dok. "A");

U illi l-attriċi ġiet Malta fit-3 ta' Ġunju, 2005 u ġimgħa wara saret taf b'din is-sentenza;

U illi l-attriċi saret taf b'din is-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 u bl-eżistenza ta' dawn il-proċeduri, fiż-żmien wara li skada t-terminu legali sabiex jiġi ntavolat appell mill-istess sentenza li konsegwentement ġiet reża *res judicata*;

U illi l-attriċi ħasset ruħha aggravata mill-kapi kollha tas-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 mogħtija fl-għeluq tal-kawża hawn fuq ċitata, u għandha interess illi titlob illi l-istess kawża

tiġi ritratta wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza sħiħa ta' l-24 ta' Frar, 2005 billi l-istess sentenza ttieħdet bil-qerq tal-konvenut u fuq provi foloz li ġew imressqa mill-

konvenut fil-kors tal-proċeduri li wasslu għal dik is-sentenza;

U illi l-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda mir-raġunijiet illi abbażi tagħhom qegħda tintalab din ir-ritrattazzjoni huma segwenti – (1) il-konvenut ma użax il-proċeduri kollha disponibbli għalih sabiex jinnotifika membri tal-familja ta' l-attriċi li baqgħu hawn Malta bil-proċeduri li hawn kien qiegħed jagħmel kontra l-attriċi u (2) ma tax informazzjoni lill-kuraturi deputati sabiex huma jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' l-istess attriċi sabiex huma jkunu jistgħu jespletaw l-inkarigu tagħhom u dan meta l-istess konvenut kien jaf fejn tirrisjedi l-attriċi – (3) qabad u nnotifika lil Dr. Claire Zammit Stafrace bħala l-persuna li għandha tiġi notifikata bil-bandi għall-fini ta' l-Artiklu 931 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili f'ċirkostanzi meta l-istess konvenut kien jaf illi din l-avukat la kienet qariba, la ħabiba u lanqas kienet taf lill-assenti attriċi;

U illi bil-mod kif adopera l-konvenut, huwa għamel minn kollox sabiex effettivament l-attriċi ma tkunx taf b'dawn il-proċeduri odjerni;

U illi għar-raġunijiet hawn fuq indikati, l-attriċi għandha kull interess illi l-kawża fl-ismijiet "B vs Dr. Leslie Cuschieri u PL Hilda Ellul Mercer li b'digriet ta' l-24 ta' Lulju, 2002 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer" (Ċitazzjoni Numru 863/2003RCP) tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 *ai termini* ta' l-Artiklu 811(a) u (b) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, billi l-istess sentenza ttieħdet bil-qerq tal-konvenut bi ħsara ta' l-attriċi u *oltre* li l-istess qatt ma ġiet notifikata lilha;

U illi l-konvenut b'rikors ippreżentat flimkien ma' l-istess attriċi fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni

Volontarja ammetta li l-istess attriċi kienet intitolata li titlob ir-ritrattazzjoni tal-każ *ai termini* ta' l-Artiklu 811 (b) tal-Kap 12;

U illi għalhekk jeżistu raġunijiet validi u sufficjenti sabiex tiġi annullata s-sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2005.

Għalhekk jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. Tiddikjara li hemm raġunijiet validi fil-Liġi sabiex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet “B vs Dr. Leslie Cuschieri u PL Hilda Ellul Mercer li b’digriet ta’ l-24 ta’ Lulju, 2002 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer” (Ċitazzjoni Numru 863/2003RCP) a tenur tal-artikolu 811(a) u/jew (b) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli;

2. Tħassar konsegwentement is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivli (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi; u

3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawża hawn fuq ċitata a bażi tal-imsemmija artikoli 811(a) u/jew (b) tal-Kap. 12 u tipproċedi għas-smigħ tal-istess kawża mill-ġdid fuq il-meritu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attriċi hija għal kollex perenta stante li l-kawża ma ġietx intavolata entro t-terminu ta’ dekadenza ta’ tliet xhur preskritt mil-Liġi.

2. Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għas-sueċċepit, m’hemmx lok għal ritrattazzjoni stante tassattivament elenkati mil-Liġi fl-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Illi di piu’ ma kien hemm asoslutament

ebda frodi fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u inoltre l-konvenuta kienet ġiet debitament notifikata skond il-Liġi.

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kwalsiasi difett li seta' kien hemm, ġie definittaivament issanat mill-attriċi nnifisha li obbligat ruħha li tiffirma kuntratt ta' transazzjoni flimkien mal-konvenut.

4. Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Marzu, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Illi l-attur qed jitlob li jsir is-smigħ mill-ġdid tal-kawża imsemmija a bażi tas-subinċiżi (a) u (b) tal-Artiklu 811 tal-Kap. 12. Dawn is-sub-inċiżi jagħtu dan id-dritt *jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq ta' waħda mill-partijiet għad-dannu tal-oħra* u *jekk iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.*

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament spjegati fiċ-ċitazzjoni; in ri-assunt jista' jingħad li l-konvenut ottjena

sentenza ta' separazzjoni fil-konfront tal-attriċi li kienet u għadha residenti l-Awstralja. Minħabba li kienet tgħix barra minn Malta l-kawża saret kontra kuraturi deputati wara li nnotifikaw lill-Avukat Dottor Claire Zammit Stafrace

bil-bandu, li skond l-attriċi ma kellha ebda konnessjoni magħha iżda l-konvenut għamel dan sempliċement a tenur tal-Kodiċi tal-Proċedura (artiklu 931) biex ikunu jistgħu jinħatru kuraturi deputati. Dwar dan għadhom ma nstemgħux provi billi l-Qorti l-ewwel trid tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni u cioe' li l-kawża odjerna ma saritx entro t-tliet xhur skond kif jgħid l-Artiklu 816 tal-Kap 12. *Qabel ma l-Qorti tkun sodisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, ma għandhiex, bħala regola tidħol biex tqis il-mertu tal-kwistjoni maqtugħha bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassar (**LAC Co. Ltd vs Edward Borg Bartolo** Prim'Awla – 25 ta' Settembru, 2003).* F'dan il-każ skond is-sub-inċiż (b) ta' dan l-artiklu t-tliet xhur jibdew jgħaddu minn meta min jipproponi l-kawża ta' ritrattazzjoni *jsir jaf bis-sentenza*.

Dan hu importanti għaliex jindika li l-perjodu ta' dekadenza ta' din l-azzjoni jibda jiddekorri minn meta l-attur ikun jaf bis-sentenza u għalhekk għal dan l-iskop ma hux rilevanti jekk kienx jaf bil-kawża li tat lok għas-sentenza in kwistjoni. Kif irrilevat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Said International Limited vs MAC Limited et (deċiża fis-7 ta' Lulju, 2003);

*Provvediment bħal dan ifisser kjarament illi kull ma jinħtieġ biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun ġie a konoxxenza tal-fatt li ngħatat is-sentenza. L-ebda formalita' ma hija meħtieġa biex jiġi kostatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-eżistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jiġi arguwit u deżunt mill-provi u ċirkostanzi li jnisslu fil-ġudikant il-konvinċiment li l-attur kien jaf jew li hu ma setax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru (Joseph Mangion et vs Joseph Cassar – Appell 27 ta' April, 1999).*

*Kif ġia' drabi oħra irrimarkat, kwantu għal prova ta' din ix-xjenza l-piż tagħha jinkombi, mhux fuq min jipproponi l-azzjoni ta' ritrattazzjoni imma fuq il-konvenut, b'mod illi huwa dmir ta' dan li jipprova li l-attur ippropona l-azzjoni*

*aktar minn tliet xhur wara li kien jaf bis-sentenza attakkata. F'każ ta' dubju dwar din il-prova l-benefiċċju tad-dubju għandu jmur favur l-attur għaliex il-prova da parti tal-konvenut ma tkunx saret konkludentement. (Emmanuel Inguanez vs Giovanni Testa et – Appell Ċivili 9 ta' Ġunju, 1959.*

F'din il-kawża l-attriċi ddikjarat kemm meta ppreżentat il-kawża u kemm meta ġiet kontro-eżaminata rigorożament illi hija ma kienet taf b'xejn sakemm xi ħadd informaha telefonikament illi se tinbigħ xi proprjeta' tagħha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Allura ddeċidiet li tiġi Malta biex tara x'kien qed jiġri u waslet fil-bidu ta' Ġunju 2005. Wara li għamlet diversi tentattivi biex tagħmel kuntatt mal-Avukat tagħha li dak iż-żmien kien indispost, saret taf bis-sentenza xi ġimgħa wara li waslet u allura ċirka fl-10 ta' Ġunju, 2005. Il-kawża ġiet intavolata fis-7 ta' Settembru tal-istess sena.

Il-Qorti konvinta li dwar dan l-attriċi qed tgħid il-verita' u ma jistax jingħad li l-konvenut irnexxielu jipprova li hija kienet taf bis-sentenza qabel is-7 ta' Ġunju, 2005. Kull ma kienet taf kien li se tinbigħ xi proprjeta' tagħha u dan ma jfissirx li kienet taf bis-sentenza iżda *semmai* li kien hemm xi proċeduri minn żewġha fir-rigward tal-proprjeta' tagħhom.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi tiċħadha, u tordna li l-kawża ta' ritrattazzjoni titkompla.**

**Spejjeż ta' din l-istanza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------